

*kitba ta'*
**Joseph C. Camilleri**
*B.A., Dean, M.Ed*



# Emvin Cremona
## *u l-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan*

Ix-xena artistika Maltija fis-snin sittin kienet maħkuma minn artist wieħed – il-Kavallier Emmanuel Vincent Cremona jew aħjar Emvin Cremona. In-nies ta' madwar il-knejjes Maltin kienu jiftaħru li għandhom xi xogħol ta' dan l-artist iżejjen parti mill-knisja. Il-bolol ta' Malta kienu juru dejjem xi disinn li ħareġ mill-pinzell ta' Emvin Cremona. Jekk trid xi biċċa xogħol biex tpoġġiha fis-salott mur għand Emvin Cremona. Xi parir fejn tidħol l-arti kien iwassal għand Emvin Cremona. Ħal Balzan ukoll missu minn dan il-wirt artistiku li ħallielna dan l-artist. Iżda qabel xejn, min kien Emvin Cremona?



*Ritratt li juri l-pittura tal-koppletta tal-Kurċifiss, xogħol il-pittur il-Profs. Emvin Cremona, liema biċċa xogħol inbdiet fl-1961.*

## Il-ħajja ta' dan l-artist

Emmanuele Vincent Cremona twieled fil-belt Valletta fis-27 ta' Mejju, 1919. Ftit xhur wara t-twelid tiegħu, missieru Ġużeppi ħalla Malta biex isib ix-xogħol. Billi s-sitwazzjoni ekonomika Maltija ma tantx baqgħet tajba, missier Emvin baqa' barra sakemm ibnu kellu ħmistax-il sena. Għalhekk nistgħu ngħidu li Emvin trabba bla missier. It-triq tal-ħajja għal Emvin kienet waħda – dik ta' l-arti. Għalhekk Emvin kellu jitħabat ma' tad-dar biex iħalluh jistudja l-arti. Ta' sittax-il sena daħal fl-Iskola ta' l-Arti. Hawn sab tliet għalliema ewlenin li komplew jiżviluppaw il-ħila artistika ta' dan il-bniedem. Dawn kienu l-aħwa Caruana Dingli – Robert u Edward kif ukoll Karmenu Mangion. Hu dam tliet snin fl-Iskola ta' l-Arti, għaliex fl-1938 ħalla Malta biex ikompli jistudja l-arti f'Ruma. Qabel telaq minn Malta hu rnexxielu jtella' wirja personali f'bini f'waħda mit-toroq ewlenin ta' beltna – Strada Rjali.

Hu daħal fl-Accademia di Belle Arti. Bħala għalliem kellu lil Carlo Siviero. Meta tela' Ruma, l-Italja kienet għaddejja minn ħakma faxxista. Il-Monarkija kienet baqgħet hemm iżda t-tmexxija tal-pajjiż kienet f'idejn Benito Mussolini. Dan il-mexxej poġġha idejh fuq dik ta' Adolf Hitler u t-tnejn bdew l-avventuri fl-Ewropa. Dawn wasslu għall-bidu tat-Tieni Gwerra Dinjija. Malta f'dawk iż-żminijiet kienet parti mill-Imperu Ingliż. L-Ingilterra u l-Italja ma tantx kellhom kortesija bejniethom. Għalhekk Emvin Cremona kellu jtemm il-kors tiegħu malajr biex jiġi lura minħabba l-bidu tal-gwerra. Minkejja li dam ftit fil-belt eterna xorta waħda rnexxielu jieħu sehem f'wirja kollettiva flimkien ma' sħabu ta' l-Accademia.

## Lura Malta

Hu wasal lura flimkien ma' sħabu l-oħra Maltin li kienu wkoll f'Ruma jistudjaw l-arti. Dawn kienu Willie Apap, Esprit Barthet u Anton Inglott. Dawn kollha dabbru rashom malli l-Ingilterra daħlet fil-gwerra kontra l-Italja u l-Germanja. Ftit wara li wasal lura, minkejja s-sitwazzjoni kerha f'Malta, Emvin Cremona organizza wirja oħra personali fl-istess post ta' l-ewwel wirja. In-nies li kienu jħobbu l-arti setgħu jaraw, din id-darba, l-effetti ta' l-esperjenza qasira li kellu f'Ruma. Il-gwerra wkoll waslet fix-xtut Maltin u fl-1941 Emvin Cremona nġabar bil-lieva. Hu kien marbut mal-King's Own Malta Regiment. Minkejja l-ħidma tiegħu ta' suldat hu xorta waħda rnexxielu jesibixxi xi xogħlijiet f'żewġ wirjiet kollettivi. Dawn ġew organizzati wara li l-qilla tal-gwerra kienet telqet mix-xtut Maltin. Fl-1943 Cremona organizza t-tielet wirja personali tiegħu. Din id-darba din kienet taħt l-awspiċi tal-British Institute. Wara l-gwerra, f'Malta kienet ittellgħet wirja kbira b'suġġett reliġjuż. Emvin ma qagħadx lura u ħa sehem ukoll.

Wara l-gwerra Emvin kompla bil-borża ta' l-istudju li kellu. Din id-darba ħalla Malta biex ikompli jiżviluppa l-ħila tiegħu fis-Slade School University ta' Londra. Hawn Emvin baqa' sentejn jistudja taħt il-lenti ta' Randolph Schwabe. F'Londra wkoll ħa sehem f'wirja kollettiva biex juru l-ħila artistika tiegħu. Minn Londra mar Pariġi u hawn daħal fl-Ecole Superieure des Beaux Arts. Dam jistudja l-arti għal tliet xhur taħt Jean Dupas.

## L-ewwel pass ta' ġgant

Fl-1948 Anton Inglott kien qed iżejjen is-saqaf tal-knisja parrokkjali ta' San Ġużepp fl-Imsida. Waqt li kien qed jaħdem dan ix-xogħol Anton Inglott ħalla dan il-wied tad-dmugħ. Il-parruċċjani riedu jkomplu dan ix-xogħol u Emvin Cremona daħħal għal din il-biċċa xogħol iebsa. Sena wara sar għalliem fl-Iskola ta' l-Arti tal-Belt. Waqt li kien qed jgħallem hu kompla jiżviluppa l-ħila tiegħu billi beda joħloq biċċa xogħol, waħda wara l-oħra. Fl-1952 hu tella' wirja fil-Lukanda Phoenicia. Din kienet taħt l-umbrella tal-Malta Cultural Society. Din il-wirja kellha madwar 84 biċċa xogħol li hu kien għamel bejn is-snin l-1943 u l-1951.

Il-fama tiegħu bdiet tinxtered sewwa f'Malta. Hu ried jagħmel pass ieħor. Ħa sehem fil-Biennale Internazionale ta' l-Arti ta' Venezja. Dan kien suċċess kbir għal Emvin Cremona. It-tieni pass kien meta xi xogħlijiet tiegħu ddaħħlu fil-wirja li kienet saret f'Londra mill-Commonwealth Institute fl-1958. Dawn ix-xogħlijiet ġew imfaħħra mill-istampa Ingliża.

## Is-Sena Pawlina

Malta kienet ser tiċċelebra bil-kbir il-wasla ta' l-Appostlu tal-Ġnus fostna. L-awtorità tal-knisja riedu sena mimlija daqs bajda attivitajiet. Dawn bilfors riedu tiżjin u preparazzjonijiet. Għax-xogħol artistika daħħal għalih Emvin Cremona. Għalhekk wara tnax-il sena jgħallem hu kellu jirriżenja minħabba li kien inpenjat f'xogħlijiet li kellhom iżejnu lil Malta biex tfakkar id-dsatax-il ċentenarju mill-miġja ta' San Pawl f'Malta. F'dik is-sena Emvin Cremona wkoll ħa sehem f'wirja kollettiva mtellgħa fl-Istitut Kattoliku bħala parti mill-istess ċelebrazzjonijiet. Is-sehem tiegħu f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet wassluh għall-unur ta' kavallier ta' l-Ordni Ekwestri ta' San Silvestru Papa. Biex tkun imfakkra din l-okkażjoni, l-Institute for Cultural Exchanges tella' wirja kommemorattiva u ristropettiva ta' dan l-artist. It-tieni unur wasal sena wara. Din id-darba dan wasal minn Malta stess. Is-Soċjetà ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ tagħtu midalja tad-deheb bħala rikonoxximent għas-sehem kbir li ta lill-arti Maltija.

Fl-1969 Emvin Cremona tella' l-aħħar wirja personali tiegħu. Din saret fil-Mużew Nazzjonali tal-Belt. Billi fost ix-xogħlijiet tiegħu kien hemm xi wħud astratti din il-wirja qajmet xi kummenti kontroversarji. Ta' min jgħid li fis-snin ħamsinijiet Cremona kien beda jisperimenta b'stili differenti u b'materjali differenti. F'dik il-wirja Cremona wera lil kulħadd fejn kienu waslu dawn l-esperimenti.

## Xogħlijiet ewlenin pubbliċi

Hu ħallielna xogħlijiet f'diversi knejjes f'Malta barra minn dik li semmejna qabel, jiġifieri l-knisja parrokkjali ta' San Ġużepp ta' l-Imsida. Hu ħadem ukoll għall-knisja tal-Madonna ta' Fatima f'Gwardamanġa kif ukoll dik ta' San Duminku li tinsab fil-Birgu. Għall-belt Valletta hu ħadem fil-knejjes ta' San Pawl nawfragu u għall-knisja ta' Santu Wistin. Hu ħadem il-pittura tas-saqaf tal-knisja ta' Santa Marija ta' Ħal Għaxaq, tal-knisja ta' San Publiju tal-Furjana u tal-knisja ta' San Gejtanu tal-Ħamrun. Għall-knisja ta' Sant'Andrija ta' Ħal Luqa hu ħadem ukoll ix-xogħlijiet li jinsabu fil-kor kif ukoll il-kartun għall-mużajk tas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Ħal Balzan ukoll kellu sehem minn dan il-wirt hekk kbir u sinjur ta' Emvin Cremona. Dwar dan il-wirt nitkellmu wara.

Għaliex Cremona ħareġ b'saħħa kbira fil-qasam ta' l-arti reliġjuża? It-tweġiba hija waħda sempliċi. Il-knejjes Maltin, minkejja xi wħud tkissru bil-ħidma ta' l-għadu, xorta baqgħu bini barokk. Cremona meta beda jaħdem sab stil li kien jorbot il-movimenti ta' l-arti moderna mal-knejjes barokki ta' Malta. Mario Cassar jgħid hekk: **Forsi l-akbar mertu ta' Cremona kien li rnexxielu jsib kompromess**



*Dehra ġenerali tal-pittura xogħol il-pittur il-Prof. Emvin Cremona tal-Kappellun tar-Rużjaru li fil-festa tal-Lunzjata 2006 waqgħu partijiet minnha.*

**għaqli bejn it-tradizzjoni akkademika u l-idjoma libera moderna.** Minkejja dan hu kompla joħloq xogħol wieħed wara l-ieħor li kellhom fihom dak l-istil li wieħed jorbtu ma' dan l-artist bravu. Mario Cassar ikompli jikteb hekk: **Ħadem fuq ħafna kummissjonijiet iżda dejjem żamm it-timbru personali tiegħu.** Biex Cremona wettaq dan kollu Cremona kellu patrun biex jagħti daqqa t'id waħda sew? Aktarx kien hemm l-għajnuna ta' Monsinjur Edward Coleiro li permezz tiegħu Cremona kiseb dawn il-kummissjonijiet għall-knejjes ewlenin. Iżda kien bil-ħila tiegħu u bl-ideat tiegħu li Cremona rnexxielu jitla' fuq il-quċċata tas-suċċess. Kien żmien meta bdew jitwieldu diversi artisti, artisti li kien ilhom jaħdmu qabel dan l-artist, iżda Cremona baqa' sejjer bl-istess ritmu u seħer ta' qabel.

## Il-filatelija

Cremona barra li kien pittur imfittex ħalla wkoll xogħlijiet fil-qasam tal-grafika. Hu ħoloq diversi disinji għall-bolol ta' Malta, tant li bejn is-sena 1957 u 1979 hu għamel xejn anqas minn 62 sett ta' bolol għall-posta Maltija. Ix-xena artistika tal-bolla Maltija bdiet b'xogħol ta' Jean Ferdinand Joubert de la Fertè (Franċiż). Qabel Cremona kienu ddominaw ix-xena artisti barranin bħall-Astrijakk Emil Fuchs u artisti Maltin bħal Edward Caruana Dingli u Gianni Vella. Iżda ħadd ma ħakem ix-xena hekk qawwi daqs Emvin Cremona. Fost l-aqwa xogħlijiet tiegħu għall-bolol Maltin insibu s-settijiet ta' l-Għotja tal-'George Cross', il-wasla ta' San Pawl (1960), l-Indipendenza (1964), is-sett difinittiv tas-sena 1965 (magħruf ukoll bħala s-sett storiku), is-sett ta' l-Assedju l-Kbir (1965) u t-twaqqif tal-Belt Valletta (1966). Biex is-sett juri l-aspett kulturali kollha Cremona kien jagħmel hu stess ħafna u ħafna riċerka. Bħala disinji oriġinali nsibu s-sett tal-Fiera Nazzjonali (1966) u dak tal-wirja dinjija Expo '70 (1970).

Kien Cremona li kien daħħal wiċċ ir-Reġina fid-disinji tal-bolol biex ma' dan id-disinn idaħħal oġġetti oħra. Dan il-metodu ġie kkopjat sew mill-posta Ingliża u sew mill-pajjiżi tal-Commonwealth. Kien Cremona li ħoloq disinn wieħed fuq bolla waħda u dan l-istess disinn ikun irrepetut fuq il-bqija tal-bolol ta' l-istess sett. Dan narawh fuq il-bolol tal-Milied tas-snin 1975, 1976 u 1980. Din l-idea ntirtet minn Harry Borg u anke minn Ġorġ Mallia. Borg ħoloq l-istess sistema għall-bolol tal-Milied tas-snin 1991, 1995, 1996 u 1997 waqt li Mallia għamel l-istess formula fuq il-bolol tal-Milied tas-sena 2000. Cremona ħoloq ukoll folji speċjali (Miniature Sheet) li meta tara d-disinji tal-bolol flimkien ikun hemm disinn wieħed kbir kbir. Hekk ġara fuq il-folja speċjali tal-Milied tas-snin 1971, 1972 u 1973.

## Ħal Balzan u x-xogħlijiet tal-Kavallier Emvin Cremona

Fit-12 ta' Diċembru 1954 il-kappillan ta' Ħal Balzan Dun Karm Sciberras kien waqqaf kumitat biex titkompla l-pittura tas-saqaf tal-Knisja Parrokkjali. Dan il-kumitat avviċina lill-pittura Emvin Cremona. Dan il-pass wassal biex il-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan kienet waħda mill-knejjes li ġew imżejna minn Emvin Cremona. Fl-1957 Emvin Cremona kien lesta l-bqija tal-lunetti tal-kor li kien beda Ġużeppi Calì. Calì kien ħadem il-figuri ta' Papiet San Girgor il-Kbir u San Ljun I. Dawn kienu saru fl-1910. Kien hemm bżonn żewġ lunetti oħra. Cremona daħal għalihom b'ruħu u ġismu. Hu ħoloq il-figuri tal-Papiet San Elestinu u San Martin. Għamel ukoll l-erba' figuri li hemm ma' ġenb it-twieqi li jirrappreżentaw erba' Dutturi tal-knisja li kitbu fit-tul fuq il-Madonna. Dawn huma San Bernard, San Alfons, San Iermu u San Cirillu.

Proġett ieħor li kien imdaħħal Cremona kien il-pittura tad-Duluri li kellha titpoġġa fuq wieħed mill-artali tal-Knisja Parrokkjali. Din id-Duluri kienet tbierket nhar Ħadd il-Palm tas-sena 1959. Dakinhar stess twaqqfet il-fratellanza tad-Duluri. Din twaqqfet wara li kienet intlaqgħet it-talba tal-kappillan Balzani biex f'din il-knisja titwaqqaf

fratellanza ad unur id-Dulur ta' Marija Santissima. Id-digriet ta' din il-fratellanza ġie ffirmat mill-Arċisqof Mikiel Gonzi. Skond Tony Terribile, il-pittura tad-Duluri tħallset mill-Konti Bernardo Manduca. Dan in-nobbli ħallas ukoll għat-twaqqif tal-fratellanza tad-Duluri. Qabel dan il-kwadru kien hemm ieħor iddedikat lil Sant'Anna.

Fis-7 ta' Ġunju 1957 il-kappillan ta' Ħal Balzan ippreżenta lill-Kurja Arċiveskovili abbozz tal-pittura li kellha żżejjen il-kappellun tal-Kurċifiss fil-Knisja Parrokkjali. Kważi 4 snin wara, sewwa sew fit-23 t'April 1961 il-figuri tal-profeti Isaija u Eremija kienu f'posthom iżejnu t-tieqa ta' fuq l-artal tal-Kurċifiss. Ma' dawn Cremona ħadem ukoll il-pittura tal-koppletta. Din kienet turi t-Tħabbira tal-Mulej mill-Arkanġlu Gabriel lill-Verġni Marija, il-figuri tal-Profeti Ġoel. Malakija. Isaija. Mikea u Għamos u l-persunaġġi nisa tal-Bibbja – Debora, Ġuditta, Ester u Abigail.

Kien imiss issa l-progett tal-koppletta tal-kappellun tal-Madonna tar-Ružarju. Cremona kien lesta l-abbozz tal-pittura li ġie approvat mill-Kurja ta' l-Arċisqof fis-16 ta' Settembru 1968. Fl-20 t'Ottubru 1976 tħallsu l-ispejjeż għax-xogħol tat-tiżjin ta' dan il-kappellun. Wara Cremona beda x-xogħol fuq il-koppletta. Dan kien juri l-pjan tas-Salvazzjoni. Iċ-ċerimonja tal-kxif ta' dan il-proġett sar fit-3 ta' Lulju 1977.

Waqt li kien qed jaħdem fuq dan l-aħħar proġett saħħet Cremona bdiet tmur lura. Hu ma kienx kapaċi biex ikompli dan ix-xogħol. Għalhekk fl-1984 daħal għalih il-pittura Għawdxi Paul Camilleri Cauchi. Ix-xogħol ta' Camilleri Cauchi kien lest fl-1984. B'hekk intemmet ir-rabta li kienet inbniet bejn il-Kavallier Emvin Cremona u l-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan.

Cremona ħalla dan il-wied tad-dmugħ nhar id-29 ta' Jannar 1987. Kellu biss 67 sena. Wirtu jinsab mifrux ma' diversi ħitan tad-djar Maltin u barranin kif ukoll iżejjen ħitan u soqfa tal-knejjes Maltin.

**Referenzi:**

Cassar M. Il-pittura ta' Emvin Cremona f'Ħal Luqa, Programm tal-festa ta' Sant'Andrija mill-Għaqda Mużikali Sant'Andrija, Luqa 1999.

Terribile T. Teżori fil-knejjes Maltin - H'Attard, Ħal Balzan, Ħal Lija, PIN, Malta 2003.

The J. B. Catalogue of Malta Stamps and Postal History, 2002